MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 833/2007

**KVC Services Limited (C10332)**

**Vs**

**Talal El Sayees (I.D. 195495M) u skond il-verbal tat-3 ta' Frar 2009 isem il-konvenut ghandu jinqara bhala "Talal Sayes"**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Novembru 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u ghoxrin Liri u sebgha u disghin centezmu (Lm527.97) rapprezentanti bilanc minn somma akbar, prezz ta' servizzi ta' assigurazzjoni moghtija lill-konvenut fuq inkarigu tieghu mas-socjeta` attrici tul dawn l-ahhar sentejn. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut epprezentata fis-27 ta’ Novembru 2007, li permezz taghha eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici ghaliex il-konvenut dejjem hallas dak li kien dovut u dejjem ircieva c-certifikati tal-insurance minghand il-“principals.”

Sema` x-xhieda ta’ Karl Cachia li waqt is-seduta tat-3 ta’ April 2008 xehed illi l-konvenut ghandu tliet insurances mas-socjeta` attrici illi taghmel xoghol ta’ insurance ghal Elmo Insurance u jesebixxi l-invoices relattivi ghat-tliet vetturi. Jipprezenta wkoll *credit note* fl-ammont ta’ Lm191 bhala refund ghall-kancellazzjoni ta’ polza ta’ assikurazzjoni fuq wahda mill-vetturi. Jghid li din il-*credit note* harget bi zball in kwantu huma ma kienux ghadhom thallsu l-ammont ta’ l-assikurazzjoni tal-vettura de quo. Jghid li dan ifisser li l-ammont mitlub fl-avviz irid jizdied l-ammont ta’ Lm191. Dwar l-allegazzjoni li l-konvenut hallashom jghid li l-ewwel qallu li kien hallas b’cekk imbaghad meta talbu kopja tac-cekk qal li hallas cash. Jghid li sal-lum mill-ammont reklamat ma rcieva xejn.

In kontro-ezami l-istess xhud jghid li huwa ma jkunx l-ufficcju l-hin kollu u ghalhekk jekk xi hadd ihallas cash ma jistax jikkonferma jekk jinghatax ircevuta jew le. Jghid li peress illi kien *sub-agent* tal-Elmo, kien ihallas hu lill-Elmo imbaghad jistenna l-pagament gej minghand il-klijent.

Fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2008 esebixxa Dok KC1 - transaction history tal-konvenut u pprometta li jesebixxi kopja tac-cekk tar-refund.

Sussegwentament u in kontro-ezami ulterjuri, xehed illi d-dokument a fol 30 harguh mill-kompjuter taghhom. Jikkonferma illi c-cheque hareg bi zball anke jekk fil-kolonna credits kien jirrizulta li ma sar ebda pagament. Jghid li t-tifla tieghu harget ic-cheque u kien hu li ffirmah. Jghid li qatt ma baghtu ittri biex ihallas izda kien imur ghandu u jitolbu l-hlas personalment.

Sema` x-xhieda ta’ Karla Cachia li waqt l-istess seduta xehdet illi hija kienet taghtu r-*refund* imbaghad indunat li kellu l-invoice pending. Dwar l-allegazzjoni tal-konvenut li kien hallasha cash hija tghid li kull meta tithallas cash dejjem taghti rcevuta. Lanqas ma hallas bic-cekk ghax kieku kienu jsibuh.

In kontro-ezami tghid li l-konvenut l-ewwel kien jikkomunika direttament ma’ Elmo imbaghad ghal madwar tlieta jew erba` snin kien klijent taghhom. Tghid li fis-snin ta’ qabel huwa kien hallas cash u hi taghtu l-ircevuti u ghalhekk taraha stramba din il-pendenza. Tghid li f’dan il-kaz hija ghamlet bhal kazijiet l-ohrajn u tikkalkula li wara gimgha li kien ghandha biex tohroglu l-polza hija kienet marret ghandu biex tikkonsenjalu l-poloz u titolbu l-hlas. Tghid li fit-tliet istanzi marret hi personalment bil-poloz jew mar hu l-ufficcju taghhom biex jigborhom u t-tliet darbiet ma thallsitx. Hija tghid li kienet fdata fuq l-esperjenzi tal-passat u meta kien mar biex jikkancella l-polza ma kinitx harset lejn il-file tieghu u hasbet li kien hallas.

In ri-ezami tghid li tikkalkula li ghal tlieta jew erba` snin li dam maghhom kien jinxurja tnejn jew tliet vetturi fis-sena.

Sema` x-xhieda tal-konvenut Talal El Sayees li waqt is-seduta tal-11 ta’ Novembru 2008 xehed illi huwa dejjem hallas lit-tifla ta’ Karl Cachia. Ma’ din il-kumpanija kellu zewg karozzi assikurati. Kien ilu jhallashom bejn wiehed u iehor mis-sena 2004 u dejjem hallas cash, jew tmur ghandu hi jew imur ghandhom hu. Imbaghad kienet tghidlu li ser tibaghtlu l-ircevuta izda din qatt ma tasal. Huwa jichad li ghandu jaghti l-ammont mitlub fl-avviz, tant hu hekk li d-direttur kien hariglu refund. Jghid li darba biss kien mar ghandu direttur b’kopja tal-istatement biex hu jhallas u hu kien qallu jtih cans halli jiccekkja ta’ xiex kien qed jitolbu l-flus. Meta kien rega mar ghandu kien spjegalu li ma kellux xi jhallas.

In kontro-ezami l-istess xhud jichad li s-socjeta` attrici kienet ittih *credit* imbaghad hu jhallas fi stadju ulterjuri. Huwa dejjem hallas qabel ma jaghtuh il-polza. Is-sistema kienet li tinfurmah li l-polza kienet lesta u hu kien imur

jigborha u jhallas. Huwa jghid li wara li gablu l-istatement huwa kien iccekkja fuq id-diary tieghu ghaliex meta jhallas cash ihalli rendikont fuq id-diary.

In kontinwazzjoni tal-kontro-ezami jghid illi gab id-diary mieghu ghax fih dejjem izomm nota ta' x'hallas u ma hallasx.

Jispjega li fil-bidu nett dejjem kien ihallas bic-cekk. Meta mbaghad draw lil xulxin kien ihallas cash. Muri Dok TS1 u TS2 huwa jikkonferma l-hrug tieghu tac-cekk pero` ma jiftakarx l-ircevuta. Jgharaf il-kitba tas-segretarju tieghu.

It-Tribunal ra d-diary li gab mieghu ix-xhud u fil-pagna tad-29 ta' Awissu 2006 hemm miktub "Elmo" u hdejha "cash Lm296.15". Hemm ukoll "+Lm150" li tirrapprezenta l-hlas ghall-licenzja ta' mal-windsceen. F'pagna tal-15 ta' Frar 2006 hemm miktub "paid cash Lm145.92 Elmo cash + Lm40" ghall-licenzja tal-karozza. Jipprometti li jesebixxi fotokopja taz-zewg pagni.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi l-kwistjoni hawndekk tippernja dwar jekk l-attur in effetti kienx hallasx l-ammont riklamat mis-socjeta` attrici jew le. Fil-fatt huwa jecepixxi illi huwa dejjem hallas dak li kien dovut u dejjem rcieva c-certifikati ta' l-insurance. Di piu` jsostni illi meta waqqaf xi poloz, huwa inghata anke credit li tmur biex tikkonferma illi huwa dejjem kien hallas dak dovut minnu.

Minn naha taghha s-socjeta` attrici ssostni illi l-ammont riklamat ghadu ma thallasx u li l-credit note inharget purament bi zball. L-ammont riklamat jirrizulta li huwa l-invoice tal-1 ta' Marzu 2006, (Lm188.42) piu` l-invoice tal-31 ta' Awissu 2006 (Lm448.15), piu` l-invoice tat-18 ta' Dicembru 2006 (Lm82.40) u minnhom jitnaqqas l-ammont

ta’ credit jew return premium tat-18 ta’ Dicembru 206 fl-ammont ta’ Lm191 – ghal total komplessiv ta’ Lm527.97.

L-invoices pendenti huma kollha tas-sena 2006.

Is-socjeta` attrici esebiet cekk tas-sena 2005 li bih l-konvenut kien effettwa hlas f’Awissu 2005 fl-ammont ta’ Lm515 (DOK TS1) u kif ukoll ricevuta mahruga fil-31 ta’ Awissu 2005 ghall-istess hlas (DOK TS 2).

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi minn jecepixxi l-hlas irid ikun hu li jipprova li sar tali hlas.

Illi almenu minn DOKS TC1 u TC2, jirrizulta illi hlasijiet maghmula ghas-sena precedenti (di fatti Awissu ukoll), saru b’cekk u inharget ricevuta.

Illi notament fid-*diary* tal-konvenut, jista` jkun indikazzjoni li hallas, u jista` jkun ukoll indikazzjoni li jrid ihallas fid-data indikata. Certament illi notament fid-*diary* ta’ l-individwu ma jistghax pero` jaghmel jaghmel prova sufficcjenti u fil-grad li trid il-ligi sabiex dan it-Tribunal ikun sodisfatt illi ghandu jilqa` l-eccezzjoni tal-konvenut.

Illi jibqa` l-kwistjoni tal-argument sensibbli li jaghmel il-konvenut – ossia illi gja la darba s-socjeta` attrici taghtu *credit* meta waqqaf polza, allura dak kien ifisser illi dik il-polza kienet effettivament mhallsa. Is-socjeta` attrici minn naha taghha pero` tghid illi dak kien zball – u di fatti xehdet Karla Cachia, il-persuna li hadet dak l-izball, li kkonfermat illi kienet hadet zball ghax kien wara li tat ir-refund li ndunat li l-konvenut ma kienx hallas l-*pending invoices*.

Fuq bilanc ta’ probabbilita` allura, it-Tribunal ma jistghax isib illi l-eccezzjoni tal-konvenut giet ppruvata. It-Tribunal isib aktar verosimili l-versjoni tas-socjeta` attrici, ossia illi r-*refund* kien zball genwin u li l-konvenut ma effettwax il-hlas minnu mitlub cash, u dan kollu ghar-ragunijiet hawn fuq indikati. B’dana kollu it-Tribunal sejjer jilqa` t-talba tas-

socjeta` attrici kif impostata u mhux kif hass illi kellu jzidha Karl Cachia ghas-socjeta` attrici fid-deposizzjoni tieghu, biz-zieda tar-refund.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li sema` l-provi kollha prodotti u wara illi evalwa d-dokumenti kollha esebiti, qed ighaddi sabiex, ghall-motivazzjonijiet hawn fuq moghtija, jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jilqa` t-talba attrici kif mpostata kontra l-konvenut u jordna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf, mitejn u disa` u ghoxrin Euro u tlieta u tmenin centezmu (€1229.83) – gja Lm527.97, bl-ispejjes kif mitluba u bl-imghax skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------